MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Numru 10/2006

Il-Pulizija
(Sp Alexander Grech)
vs
Giovanna Cassar, bint Giuseppe Testa, imwielda
Birkirkara fl-4 ta'
frar, 1927

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-11 ta' april, 2005 u f'dawn l-aħħar xhur u snin ta' qabel, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, ikkomettiet serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' aktar minn mitt lira maltin iżda anqas minn elf lira maltin mill-fond numru 209, Triq San Pawl, il-Belt, Valletta għad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin u bl-ammont;

2. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi għamlet ħsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkaġunat telf tal-kurrent elettriku u għamlet ħsara jew kissret xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-siġilli tiegħu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wżati fil-provvista tal-elettriku jew is-siġilli tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' frar, 2006 fejn rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputata ħallset is-somma ta' Lm550 u ma għandha tagħti xejn aktar lill-imsemmija korporazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' frar, 2006 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------